MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Numru. 716/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**vs**

**PAUL SCICLUNA ta’ 50 sena bin Joseph u Nicolina nee’ Micallef imwieled Siggiewi fit-8 ta’ Dicembru 1959 u residenti “PaulGrace”, Triq Dun Manwel Zammit Siggiewi, detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 794559(M)**

u

**RYAN SCICLUNA ta’ 19-il sena bin Paul u Mary Grace nee’ Bonavia mwieled Pieta’ fis-17 ta’ Ottubru 1991 u residenti “PaulGrace”, Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 518270(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputati gew akkuzati:

1. talli fit-22 ta' Awissu 2007 ghall-habta ta' 22:40hrs gewwa s-Siggiewi

2. heddu bil-mewt taht ordni jew kundizzjoni lil Ryan Borg Piscopo ID19685(M).
3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uzaw vjolenza sabiex igieghlu lil xi hadd (lil Ryan Borg Piscopo ID19685(M)) jaghmel, ihalli issir jew jonqos milli jaghmel xi haga,
4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, heddew lil Ryan Borg Piscopo b'arma tan-nar cioe' b'senter.
5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbew kontra Ryan Borg Piscopo sabiex jingurjawh, idejjquh jew jaghmlu hsara lill-istess persuna.
6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garrew arma tan-nar cioe' senter ikkargat u barra mill-ghata tieghu f'inqas minn 200 metru 'il boghod minn post abitat.
7. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu qed jaghmlu reat kellhom fil-pusess taghhom arma regolari cioe' senter.
8. akkuzat Ryan Scicluna wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu u garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar u munizjon minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija taht l-Att dwar l-Armi (Kap 480).
9. akkuzat Paul Scicluna wahdu, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa, skond kif iccertifika Dr. Bjorn Buhagiar M.D. tac-centru tas-sahha ta' Hal Qormi.
10. akkuzat Paul Scicluna wahdu, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli li l-ammont huwa aktar minn Lm50 u inqas minn Lm500 (fuq mobile phone) ghad-detriment ta' Ryan Borg Piscopo.
11. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qalu kliem oxxen u indicenti u dagha fil-pubbliku.

12. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kissru il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esbiti;

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali tas-27 ta' Mejju 2009;

Semghet illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwisti f'dina l-kawza irrizulta illi dana l-incident kellu bhala sfond litigju bejn zewg zaghzagh u cioe' bejn il-vittma u l-imputat Ryan Scicluna li kienu jiffrekwentaw l-istess klikka ta' hbieb. Ftit hin qabel l-incident jidher illi l-imputat Ryan Scicluna kien gie aggredit mill-vittma u xi hbieb ohra tal-klikka. Huma riedu jeskludu lill-imputat Ryan mill-klikka tal-hbieb taghhom. L-imputat Ryan Scicluna ma setax jaffronta wahdu dina l-aggressjoni u ghalhekk erhilha lejn id-dar fejn hemmhekk sejjah lil missieru u qallu b'dak kollu li kien sehh. Missieru ghalhekk iddecieda li imur huwa stess ikellem lill-vittma li dak il-hin kien jinsab il-bandli tas-Siggiewi flimkien ma' xi zaghzagh ohra. Jidher illi l-missier u cioe' l-imputat Paul Scicluna kien xeba' jisma' lil ibnu jilmenta mit-trattament hazin li kien qed jircevi minn ghand Ryan Borg Piscopo li jidher ukoll li kien  zaghzugh ikbar fl-eta' minn ibnu li kien ghadu minorenni. Ghalhekk iddecieda li jsolvi s-sitwazzjoni huwa stess billi jaghti tbezbiza lil dan iz-zaghzugh. L-imputati waslu fuq il-post bil-vann misjuq mill-missier. Minn hawn l-imputati u l-vittma kif ukoll ix-xhieda l-ohra imressqa mill-prosekuzzjoni jaghtu zewg verzjonijiet konfliggenti.

Ryan Borg Piscopo isostni illi Paul Scicluna aggredieh, qabdu minn ghonqu, heddu li ser joqtlu u tefghu ma'l-art u anke beda isawwtu tant illi kellu mobile phone f'idejh li spicca inkiser. Inoltre isostni illi l-imputat Ryan Scicluna fuq struzzjonijiet ta' missieru hareg senter mill-karozza u qaghad jippontah fid-direzzjoni tieghu waqt li missieru kien qed jaggredieh. Waqt dana l-argument wasal pulizija li joqghod fil-vicinanzi u li dak il-hin inzerta ghaddej minn hemm u f'dana il-mument Paul Scicluna qal lil ibnu sabiex is-senter jerga' idahhlu f'postu u l-imputati rikkbu fil-van u telqu minn fuq il-post. Ryan Borg Piscopo isostni illi huwa sofra griehi ta' natura hafifa f'dana l-incident u anke ipprezenta certfikat mediku li gie ikkonfermat bil-gurament mit-tabib Buhagiar li irrilixxajah.

L-imputati minn naha taghhom jaghtu verzjoni kemmxejn differenti. Fl-ewwel lok l-imputat Paul Scicluna isostni illi huwa ma kienx jaf illi ibnu kien gab is-senter mieghu fuq il-post ta'l-incident u ghalhekk meta rah johrog dana is-senter huwa mill-ewwel qallu biex jerga' idahhlu f'postu. Ryan Scicluna jikkonferma dana ukoll. L-imputat Paul Scicluna ighid illi meta wasslu l-bandli huwa nizel ikellem lil Borg Piscopo li f'dak il-mument kellu sigarett f'idejh u harrqu bih f'minkbejh. Bhala reazzjoni huwa imbuttah u hawn Piscopo waqa' lura fl-art. Jinnega illi huwa f'xi hin sawwat lil Piscopo u jghid illi wara li kellmu hu u t-tifel telqu minn fuq il-post.

Illi l-imputati qeghdin iressqu bhala difiza l-iskriminati tal-legittima difeza u dana specjalment fil-mument illi Paul Scicluna imbotta lil Borg Piscopo bhala reazzjoni ghal fatt illi dana kien harrqu bis-sigarett. Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, **jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor**."

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata. Illi f'sentenza

moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad:

"***Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust,gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista'jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."***

Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur tad-difiza ma jidhirx illi f'dana il-kaz jirrizultaw l-estremi kontemplati mill-ligi sabiex l-imputati jinvokaw dina l-iskriminati. Illi Borg Piscopo kien qieghed ghall-affari tieghu ma hbiebu il-bandli. Fl-ebda hin ma kien qieghed ihedded jew jaggredixxi lill-imputati jew lil xi wiehed minnhom. Anzi kienu l-imputati illi marru fuqu ghas-sodisfazzjon. Borg Piscopo ma kellux alternattiva ohra hlief li jirreagixxi ghal dina l-agressjoni inaspettata. Illi l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-vittma hija koroborrata miz-zaghzagh li xehdu f'dina l-kawza u li kienu prezenti ghall-incident. Ma hemmx dubbju illi l-vittma kien qieghed il-bandli ma shabu. Illi f'hin minnhom waslu l-imputati fil-vann misjuq mill-missier. Il-missier nizel mill-vettura u mar dritt ghal fuq Borg Piscopo ghas-sodisfazzjon u qabdu minn ghonqu. Fil-konfrontazzjoni, Borg Piscopo waqa' ma'l-art. F'idejh kellu mobile phone li b'konsegwenza ta'l-waqa' tkisser[1]. F'dana il-mument l-imputat Ryan Scicluna nizel mill-vettura b'arma tan-nar f'idejh li huwa isostni ma kenitx ikkargata u beda jippuntaha fid-direzzjoni tal-vittma. Wara xi hin il-missier qal lil ibnu biex idahhal l-arma f'postha izda dan ma riedx. Kif huma indunaw illi kien gej pulizija, telqu, rikkbu fil-vann u saqu minn fuq il-post. Illi f'dana l-incident Ryan Borg Piscopo sofra griehi ta' natura hafifa.[2]

---

[1] Mobile phone esebiet bhala Dokument PS3.

[2] Ara xhieda ta' Dr. Bjorn Buhagiar a fol.31 et. Seq. U certfikat mediku esebiet bhala Dok PS5 a fol.33

Dawn il-griehi huma kompatibbli mal-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Piscopo u mix-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni[3]. Ghaldaqstant il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi l-verzjoni li ingiebet mill-prosekuzzjoni taghmel iktar sens minn dik moghtija mill-imputati fix-xhieda taghhom. Il-Qorti tifhem illi l-imputat Paul Scicluna, bhal kwalunkwe missier, kien imhasseb fuq il-mod kif kien qed jigi trattat ibnu minn shabu. Tifhem illi huwa ried iwassal messagg lil dawn iz-zaghzagh u principalment lil parti leza iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi ibnu kien ghadu minorenni u ghalhekk izghar fl-eta minnu. Min-naha tieghu l-imputat Ryan Scicluna meta hass li ma setax jaffronta lil shabu wahdu fittex l-ghajnuna ta’ missieru sabiex ibezzaghhom u jiddesistu minn dina l-imgieba. Ma fiehmx madanakollu ta’ zaghzugh illi hu, illi b’dana l-agir tieghu seta’ wassal ghal sitwazzjoni fejn seta’ jikkomprometti lil missieru u igiebu iktar fl-inkwiet.

Illi ghar-rigward ta’l-arma tan-nar, l-Qorti ukoll f’dana il-kaz ma temminx lill-imputati meta ighidu illi il-missier ma indunax illi ibnu kien garr mieghu arma tan-nar. Senter ma huwiex xi oggett zghir illi wiehed jista’ jahbi. Huwa ghal kollox inverosimili illi it-tifel hareg arma tan-nar mid-dar u cioe’ mill-post fejn dina hija ikkustodita mill-missier u dahhalha fil-vettura, minghajr ma missieru induna b’dak illi kien qieghed jaghmel. Di piu’ ix-xhieda okulari kollha ighidu illi kien il-missier li qal lil ibnu biex johrog l-arma mill-karozza u imbaghad ftit wara qallu biex jerga’ idahhalha. L-arma tan-nar qatt ma giet esebita fl-atti tal-kawza.

Illi fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali jindika diversi disposizzjonijiet tal-ligi li tahthom tista’ tinstab htija fil-konfront ta’l-imputati. Essenzjalment dawn jikkonsistu fir-reat ta’l-uzu tal-vjolenza kontra l-privat, l-uzu ta’ arma tan-nar filwaqt tal-kummissjoni tar-reat. theddid taht ordni, hsara volontarja, offiza hafifa fuq il-persuna u r-reati ikkontemplati fil-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, oltre l-akkuzi ta’ natura kontravvenzjonali.

---

[3] Ara xhieda ta’ Joseph Micallef a fol.3, Jahel Zammit, Francesca Zammit, Aaron Camilleri a fols 57 sa 109.

Illi taht it-Titolu tad-Delitti kontra l-persuna, l-Kodici Kriminali jikkontempla ir-reati fuq it-theddid, vjolenza u fastidju u dana fl-artikoli 249 et. seq. Illi mill-provi akkwisti irrizulta illi l-intenzjoni ta'l-imputati kienet appuntu illi huma jheddu lill-vittma u dana sabiex ibezzghuh. Fil-fatt hekk ghamlu meta huma hebbew ghalih. Paul Scicluna heddu bid-diskors meta qallu il-kliem "noqtlok, noqtlok", filwaqt illi Ryan Scicluna heddu permezz ta' arma tan-nar ippuntata fid-direzzjoni tieghu. Dana l-agir cetament jaqa' taht dak ikkontemplat fl-artikolu 251 tal-Kapitolu 9. Il-Qorti ma tarax illi mill-provi migjuba f'dina l-kawza jirrizultaw l-elementi disposti fl-artikolu 249 u 250 tal-Kapitolu 9. Huwa minnu illi sar theddid bil-fomm f'dana il-kaz, madanakollu ma jirrizultax illi dan kien akkompanjat b'xi ordni jew kundizzjoni.

Illi fil-konfront ta' Paul Scicluna gie ampjament ippruvat illi huwa ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq l-persuna ta' Ryan Borg Piscopo u dana kif ikkontempla fl-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghar-rigward ta'l-akkuza dwar il-hsara volontarja, ghalkemm il-prosekuzzjoni esebit il-mobile phone in kwistjoni, madanakollu naqset milli tressaq prova dwar il-hsara ta'l-istess oggett. L-istima esebita a fol.30 tal-process tikkonsisti biss f'bicca karta miktuba bil-biro li lanqas ma fiha firma. Din qatt ma giet ikkonfermata bil-gurament mill-persuna li kitbitha Inoltre d-difiza targumenta illi dana il-mobile phone kien diga fih xi hsara qabel ma sehh l-incident. Dana johrog mix-xhieda ta' Paul Scicluna li jallega illi l-bieba ta' dana t-telefon cellulari kienet miksura[4]. Kwindi peress illi dina l-akkuza ma gietx ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, l-Qorti ma tistax issib htija f'dana ir-rigward.

Illi dwar l-akkuzi ta' natura kontravvenzjonali ma hemmx dubbju illi l-akkuzi dwar it-theddid u l-hebb jirrizultaw ampjament ippruvati u dana kif gie isottolinjat iktar 'il fuq. Ma jirrizultax madanakollu illi l-imputat Ryan Scicluna f'xi hin hebb ghal vittma, izda heddu biss bl-arma. Lanqas ma

[4] Ara xhieda ta' Paul Scicluna a fol. 168 tal-process

jirrizultaw ippruvati l-akkuzi dwar id-dagha u l-kliem oxxen fil-pubbliku, u dana fid-dawl tal-fatt illi hadd mix-xhieda ma isemmi li kien hemm xi kliem hazin jew kliem ta' dagha. Illi l-akkuza dwar il-ksur tal-buon ordni u l-paci pubblika ukoll giet ippruvata u dana fid-dawl tal-fatt illi l-imputati marru fuq il-post ghal glied u xejn iktar!

Finalment jibqghu l-akkuzi dwar l-arma tan-nar li intuzat fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati. Kif diga gie osservat mill-Qorti ma hemmx dubbju illi l-imputati kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar meta marru fuq il-post tal-kummissjoni tar-reat. Il-Qorti hija tal-fehma illi Paul Scicluna kien konsapevoli tal-fatt illi kellu arma tan-nar fil-karozza tant illi qal lil ibnu johorg dina l-arma. Mir-rapport ta'l-espert nominat mill-Qorti, il-Perit Richard Aquilina jirrizulta wkoll illi dina l-arma kienet fil-pussess ta'l-imputati f'distanza ta' inqas minn 200 metru minn post abitat. Fil-fatt minn dana r-rapport jidher illi il-bandli tas-Siggiewi jinsab proprju f'nofs centru ta'l-abitazzjoni.[5] Jirrizulta wkoll illi kien Ryan Scicluna li kien qieghed izomm dina l-arma. L-imputat fiz-zmien tal-kummissjoni ta' dana ir-reat kellu hmistax-il sena[6] u kwindi ma kellux licenjza ta' pussess jew garr ta' armi. Illi l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju jindika diversi disposizzonijiet taht il-Kpaitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi id-disposizzjoni rilevanti ghal dana il-kaz fil-konfront ta' Ryan Scicluna huwa l-artikolu 5 ta'l-Att peress illi huwa ma kellux licenjza ghal pussess u garr ta'arma tan-nar. Illi fir-rigward ta'l-imputat Paul Scicluna ghalkemm mix-xhieda tas-surgent, illum Spettur Malcolm Bondin irrizulta illi mir-ricerka illi ghamel dana is-surgent bhala ufficjal investigattiv Scicluna kellu licenzja Kategorija B, izda l-ebda prova dwar licenzji ma saret mill-prosekuzzjoni u lanqas kopja tal-licenjza ma giet esebita. Illi ghalkemm l-imputat Paul Scicluna naqas milli jzomm l-arma tan-nar illicenzjata fuq ismu fil-kustodja tieghu w irrizulta inoltre illi kien izomm dina l-arma tan-nar f'post fid-dar li huwa fácilment accessibbli ghal kulhadd[7], madanakollu ma jirrizultax la mill-akkuzi u wisq anqas min-nota ta' rinviju illi l-imputat Paul Scicluna qieghed jigi

[5] Ara Dokument RA a fol. 152 et. Seq.
[6] Ara certifikat tat-twelid ta' Ryan Scicluna a fol.6
[7] Ara xhieda tas-surgent, illum Spettur Malcolm Bondin

akkuzat taht l-artikolu 47 ta'l-Att. Illi anke fir-rigward ta'l-akkuza prevista taht ir-regolament 18(2)(a) ta'l-Avviz Legali 79/2006, kif sussegwentment emendat, jirrizulta illi huwa biss l-imputat Ryan Scicluna li jista' jinsab hati ta'l-istess, stante illi kien hu illi hareg l-arma tan-nar mill-ghata tieghu f'distanza ta' inqas minn 200 metru minn post abitat, kif ukoll illi filwaqt tal-kummissjoni tar-reat huwa kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar ai termini ta'l-atikolu 55(a) tal-Kapitolu 480. Illi madanakollu, kif diga gie sottolinjat aktar 'il fuq il-Qorti ma tista' tordna l-ebda konfiska ta'l-arma in kwistjoni stante illi dina ma tifformax parti mill-atti processwali, peress illi qatt ma giet esebita mill-prosekuzzjoni. Illi finalment il-Qorti tosserva illi fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju, l-Avukat Generali jindika numru sostanzjali ta' disposizzjonijiet ta' ligi li hafna minnhom ma humiex applikabbli ghal kaz odjern u ghalhekk il-Qorti kellha bil-fors tiskarthom fid-dawl ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputati.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, dina l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi li fih sehh dana r-reat kif sottolinjati iktar 'il fuq, u l-eta tenera ta' wiehed mill-imputati u cioe' ta' Ryan Scicluna, li fiz-zmien tal-kummissjoni ta' dana r-reat kellu biss l-eta ta' hmistax-il sena.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 251, 214, 215, 221(1), 338(dd), 339(1)(d)(e), 17(d)(h), 37 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 5, 51(2), 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolament 18(2)(a) u 27(3) tal-Avviz Legali 79/2006, kif sussegwentement emendat fil-konfront ta'l-imputat Paul Scicluna, issibu hati ta'l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', it-tmien u il-hdax-il akkuza migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li tilliberah mill-kumplament ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum; u fil-konfront ta'l-imputat Ryan Scicluna, issibu hati ta'l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames, is-sitt, is-seba' u il-hdax-il akkuza migjuba fil-

konfront tieghu u filwaqt li tilliberah mill-kumplament ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta' xahrejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjoni hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-atikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputata ghall-hlas tal-ispejjez peritali ta' disghin euro u tlett centezmi (€90.03).

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed torbot lil hatja b'garanzija fil-konfront ta' Ryan Borg Piscopo u dan taht penali ta' hames mitt ewro (€500) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------